# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

1-2. 5-12 TA' SETTEMBRU 1908. L-EUUEL SENA.

## BIEX NIBDEU.

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

IL programm ta' dina il gazzetta tafuħ ġà u għalecc ma hemmx bżonn naħli ħafna cliem; għaliex f'is-Saġġju li jiena kassamt b-xejn u li gera f-idejn cullħadd fissirt biż-żejjed x-bi ħsiebi nicteb f'in-«Naħla».

Dana il programm jista jokgħod tajjeb f-żeŭġ chelmiet:— «Ingħallmu u niddefendu il poplu»; għaliex in-«Naħla» bi ħsieba tħabrec chemm tista biex il poplu malti tiftaħlu għajnejħ ħalli jagħraf jiddefendi aħjar id-drittijiet tiegħu u ħalli jimxi il kuddiem bħal ma 'mxeŭ ġnus oħra; u tgħallmu daŭc il ħŭejjeġ collha li jinħtieġ biex icun jaf chif jibża għal saħtu u għal saħħet uliedu, chif jieħu raġun f'il Krati meta jigi 'mcasbar minn xi ħadd, u meta iberbxunu ħŭejġu; u għalecc bi ħsiebi, bil ftit il ftit, ingibilcom f'in-«Naħla» daŭc il ħŭejjeġ ħfief fuk il Medicina li hemm bżonn icun jafhom cullħadd għal gid tiegħu u ta'l familja. Bi ħsiebni ucoll, b'iċ-ċar infissrilcom il-Ligijiet tagħna, criminali, civili u commercjali, ħalli ŭieħed icun jista jakdi dmiru aħjar u jiddefendi dac li hu tiegħu. Infittex li 'ngħallimcom ftit Storja, tant ta' pajjisna chemm ucoll ta' pajjisi oħra. L-ISTORJA TA'L PAPIET, li bdejt noħroġ f-dan in-numru hi ħaġa li għandu jieħu pjacir biha cull nisrani, igifieri il Maltin collha.

F'ir-rumanz originali «IS-SAHHAR FALZUN», li ctibt apposta għa'n-«Naħla», fittixt li fl istess ħin li tkattgħu ftit ta' żmien bla ebda deni f-ruħcom, titgħallmu ucoll ħafna storja ta' Malta minn żmien Lisleadam sa La Cassiere.

Bi ħsiebi ucoll nagħżlilcom l-aħjar ta'l cotba famusi ta' Smiles u ta' Lessona, li tant għamlu gid f-pajjisi oħra u li ikaŭŭulcom kalbcom f-cull għaŭġ li tiltakgħu fih f id-dinja.

Ctieb ieħor sabieħ li bi ħsiebi nagħżlilcom il fjur tiegħu hu il «Come devo comportarmi?» ta'l imfaħħra chittieba taljana Vertúa Gentile, biex ŭieħed icun jaf seŭŭa chif għandu jgib ruħu ma'n-nies u ma' jgħaddix ta' pastas jeŭ ta' 'njurant.

Bi ħsiebi ucoll ingibilcom, cull numru jecc jista jcun, ħaja ta' bniedem cbir malti b'ir-ritratt tiegħu. Daŭna l-istampi li jkumu ħafna flus sejrin igegħluni nintgħafas ftit fl-ispejjes, iżda naf li barra milli jcunu ta' gid cbir għaliex juru li'l Maltin li aħna tajna l'id-dinja ħafna nies cbar, l-istampi dejjem jogħġbu l'il min jakra.

Ma dan, xi articoli fuk dac li il poplu għandu jaf fuk il politica ingib ucoll; iżda la tistenneŭx xi ħafna ġlied jeŭ tagħjir jeŭ cxif ta' għaŭar, bħal ma jagħmlu xi ġurnali ta'l ħabba gozz. F'in-«Naħla» nitchellem magħcom fuk dac li jista jiftħilcom għajnejcom ħalli ma tħallux min jirfiscom jeŭ min jisserva bicom, fuk l-industriji, fuk il cummerċ u tant ħŭejjeġ oħra ta' ħtieġa.

Issibu ucoll ħafna aħbarijiet fuk dac li jigri f-Malta u barra ucoll; u jssibu, fi ftit cliem daŭc il ħŭejjeġ ta' min jakrahom li jcunu dehru f'il gazzetti tagħna (taljani, ingliżi u maltin) li joħorġu ma tul il gimgħa. B-dan min jakra in-«Naħ-

ta' Lepanto u ta't-takbidiet contra it-Toroc. Ingħozzuha chemm nistgħu l'il dina l-Omm ta' tant nies għorrief li bihom giet magħrufa sa fost il barranin, l'il dana ix-xiber art li għal iżjed minn mitejn sena laka' fi ħdanu il fjur ta'n-nobbli ta'l Europa collha, u 'nfittxu li it-tifchira ta't 8 TA' SETTEMBRU iġġegħilna 'nsiru ulied tas-seŭ tagħha u li jixirkula għal cobor u għal giegħ li missierijietna b'il ħila u iċ-ċarċir ta' demmhom żejnuha bihom għal dejjem.

L'IL
GLORJUSI
MARTRI MALTIN
LI
GĦA'T-TŬEMMIN TA' MISSIERIJIETHOM
U
GĦAL L-IMĦABBA TA' ART TŬELIDHOM
ĊARĊRU DEMMHOM
FL'ASSEDJU TA'L 1565
FERĦANA
F-DANA IL JUM GĦAŻIŻ
IT-8 TA' SETTEMBRU
LI JFACCARNA
F'IL ĦILA TA'L GĦAGEB
TAGĦHOM
FUK KBARHOM GĦARCOBTEJNA
B'IL KIMA MIMLIJA
INXERRDULOM
BARCA, ŬARD U DMUGĦ
B-KALBNA COLLHA.

# Il Għacs f-Malta

Jidhirli li, f-dana il mument icreħ li għaddej minn fuk dina l-imsejcna gżira, il ġurnali collha ta'l pajjis ma għandomx iħabblu rashom ħlief biex jaraŭ chif jerfgħu il pajjis mi'l l-għacs li ŭaka fuku u li donnu ma sejjer jispiċċa katt, jecc m'hux actar kiegħed jiżdied.

Hi ħaġa sabieħa ħafna li ŭieħed jitħabat għal Costituzzjoni, li jtambak fuk il monumenti, li jicteb fuk il qŭestioni ta'l lingŭa;.... iżda il ħobż ta' cull jum hu qŭestjoni ta' ħtieġa ŭisk acbar. Cull ħin hu ħinu. U jecc issa li'l min beda jonksu il ħobs ta' cull jum, lil min ma joħlokx lokma ħobż biex irejjak il familja 'mgeŭŭha tiegħu tchellmu biss fuk il monumenti, u fuk il concorsi u fuk ħŭejjeġ oħra bħal daŭn, tcun tidħak bih f-uiċċu.

Hemm bżonn, iva, li m'il l-actar fis ŭieħed jara x'isa jir għal dina l-imsejcna Malta, biex ŭieħed jerfaħħa ftit m'il l-għacs li ŭakgħet fih, u jiena naħseb li jecc ŭieħed iŭaħħal f-rasu li għandu jfejjak dina il marda cherha, jecc m'hux għal col ox, xi ftit jirnexxilu sgur; u il ftit hu dejjem aħjar m'ix-xejn.

Nistħajjilcom tgħiduli:— u liema huma daŭna ir-rimedji biex ifejku dina il marda hecc cherha? Ir-rimedji jistgħu jcunu ta' zeŭġ xorta: (1) ta' malajr u (2) ta' b'il mod.

Rimedju ta' malajr icun dac, jecc jinkala xi xogħol cbir f'il pajjis u jati il ħobż malajr l'il min ma għandux.

Rimedju ta' b'il mod icun dac, meta inŭaħħlu f-rasna, darba għal dejjem, li ma għandniex nitimgħu ħlief fina 'nfusna, u noħolku industriji li jatu il għajxien l'il poplu bla ma b'il fors icollu jiecol m'il bastimenti ta'l gŭerra, m'ix-xogħlijiet ta'l Ammiraljat, jeŭ mi'r-rigmenti u ħŭejjeġ bħal daŭn.

Liema hu l-aħjar rimedju li ŭieħed għaliħ jati rasu minn daŭna iż-żeŭġ xorta biex nirtefgħu ftit m'il għacs li kiegħed jaħchem fukna?

Il «Gazzetta di Malta» kalet li l-aħjar rimedju hu it-tieni ŭieħed, igifieri dac li noħolku industriji ġodda. Iżda, għal chemm naħseb li dana hu rimedju tajjeb ħafna, jidhirli li f-dana il mument, ma hux biż-żejjed biex iŭassalna fejn irridu. Il poplu jaħak intgħafas, laħak svojta bŭietu; u meta il poplu jcun marsus ma'l ħajt ma jidhrilniex li hu il mument tajjeb biż-żejjed biex fih jista jkankal ħafna industriji... Daŭna jridu iż-żmien, iridu il ħsieb, iridu is-sabar biex minn xtieli jsiru siġar u jibdgħu jatu il frott. U il poplu sabar ma għandux, u lankas jista jcollu; għaliex min l-istoncu tiegħu jibda jagħfsu b'il ġuħ, ma jistax jistabar sa chemm l-industriji jicbru u jfuru tant li jcunu jistgħu jatuh x-jiecol.

Kabel, jeŭ ma daŭn, hemm bżonn ta' rimedju ieħor, rimedju minn daŭc ta' malajr, igifieri li jinħolok xi xogħol seŭŭa biex il poplu jilħak jintrafa, jieħu ftit ta'r-ruħ, u jcun jista b-moħħu ftit cŭiet jaħseb biex ikankal u jsaħħaħ l-industriji.

Hemm bżonn li il poplu, f-dana il mument icreħ, jitkankal biex jitlob, b'il kima collha, l'il Gvern, li hu f-loc missierna, biex ikanklilna xi xogħol; u jecc ma għandux għal issa xogħlijiet hu, iħabrec biex igiegħel l-il Ammiraljat li jibda ftit cmieni xi xogħlijiet minn daŭc li bi ħsiebu jagħmel f-Malta.

Ftacru li min ma jibchix, ma jardax. Ftacru li jiena ġa ftaħtilcom għajnejcom b-xogħol cbir li bi ħsiebu jagħmel l-Ammiraljat f-dana il pajjis, igifieri il ftuħ ta'l Canal m'il Menka għal Ta'l Pietà; ħaġa li l-eŭŭel ittieħdet bi ħrafa u b-żuffiettata, u li 'mbagħad cu ħadd ra, b'il provi li gibt, li

## AHBARIJIET ta' BARRA

⁂ F-Torin, fl-Italja, is-Sinjurina Emma Strada hadet il laŭrja bhala inginjera. Dina hi l-eŭŭel mara taljana li għażlet dina il professjoni.

⁂ F'ir-Russja dehret il colera.

⁂ Da'l granet, f-Ruma, kassis xih ta' 70 sena li jismu Don Custanz Costantini giè maktul biex serkulu il hafna gid li chellu.

⁂ Fi Spilinga, hdejn Reggju, raħħala li jisimha Żabbetta Lombardo giet maktula b-tir ta' azzarin x-hin chienet sejra id-dar ma' żeugha, u, sa dana mar il belt u gieb il għajnuna, sab il gisem ta' martu 'mbiccer m'il clieb.

⁂ Il famus Maxim ivventa azzarin li meta jispara jagħmel hoss hecc żgħejr li ma tindunax mnejn giet l-ispuratura.

⁂ Da'l granet fi Glasgow, belt ta' Scozja, saret xeŭŭiexa ta' nies kiegħda. Il pulizija użat l-armi biex tferihom. Chien hemm ma'l 10,000 ruh.

⁂ F'il Congress Eucaristicu li sejjer isir f-Londra sejrin jiehdu parti tmien Cardinali; jcun hemm processjoni ta' 15,000 tifel u il Cardinali jcollhom «guardia d'onore» ta' 12,000 ruh.

⁂ Ir-nazzjon franciża kiegħda tinkered b'il mod il mod. Scond ma sab il Prof. Foville, fi Franza kiegħdin imutu iżjed milli kiegħdin jitŭieldu. Is-sena l-ohra mietu 20,000 actar milli tŭieldu. Franza hi pajjis li tista tgħajjex tmenin miljun; iżda ma hemmx fiha hlief ma dŭar erbgħin. Minn hawn u għoxrin sen' ohra jcun hemm żeŭg tedeschi għal cull franciż.

Dan il bniedem għaref ighid li ŭahda m'ir-ragunijiet ta' dana hu id-divorzju.

⁂ Is-Sultan ta'r-Rumanija jinsab hażin ŭisk.

⁂ F-Valladolid geŭ iccundannati għal meŭt Velasco u martu talli difnu haj tifel tagħhom ta' seba snin. Kabel telku għal forca hassom tant hażin li chellom jerfgħuhom.

Xi klub ta' tigri

⁂ F-New Orleans, fl-America, sar hruk cbir b-dannu ta' xi 320,000 lira.

⁂ Ir-navi portughiża « Louisa, » li chienet gejja m'il Brażil, x'hin chienet għodda ŭaslet pajjisha għerket u jntilfu 25 ruh.

⁂ Il miljunarju Mandel ta' Cicago x-hin chien tiela fuk il vapur-ta'l-art ta' Basilea (Svizzera) biex imur Parigi, ŭaka, habat rasu ma'l banchina u ŭara ftit miet.

⁂ Il haddiema kiegħda ta' Glasgow saffru l'il Princep ta' Connaught x'hin chien għaddej.

⁂ F'il Kent, fl-Inghilterra beda jinhass il ġuħ.

⁂ Ir-rumanzier Patterson igħarrafna li f-Cicago hemm tant ġuħ li min isib iz-zcuc ta'l pastard f'iż-żibel, biex jiecolhom, jcun sab xi haga tajba.

⁂ F'il Minnesota, fl-America, hames bliet shah geŭ mahrukin b'in-nar. Hemm hsara ta' żeŭġ miljuni ŭiŭiek.

# Cronologija ta' Malta

1870. F'il 15 ta' Jannar, il Marsa inxtelghet l'eŭŭel darba b'il gass.

1877. F-Ottubru fetah it-Teatru il Cbir.

1614. F'it-22 ta' April bdiet tati l-ilma l'eŭŭel għajn ta'l Belt.

1732. F'is-19 ta' Jannar saret l-eŭŭel rappresentazzjoni f'it-Teatru Manoel.

1830. Sar l-eŭŭel ġuri.

1835. F'id-29 ta' Dicembru fetah il Cunsill ta'l Gvern.

1838. F'il 25 ta' April hargu l-eŭŭel darba il gazzetti taht l-istampa libera.

1849. F'it-23 ta' Gunju taŭna Cunsill gdid magħżul m'ill poplu, u bdiet issir l-elezzjoni popolari ta'l Cunsill ta'l Gvern.

1854. Saret l-eŭŭel Esposizzjoni f'il Buschett. Fondatur tagħha chien il Gvernatur W. Reid.

1857. F'il 11 ta' April f'il 11 u nofs ta' filgħodu (nhar il Għejd) fethet il Borsa.

1872. Fl-1 ta' Lulju bdeŭ jidfnu f'iċ-Cimiterju ta'l Addollorata, jeŭ ta'l Horr, u ta'l Isptar bdeŭ jidfnu fih ucoll.

1872. F'il 21 ta' Jannar fetah il Hydraulic Dock ta'l Imsida.

1883. Beda jahdem il Vapur ta'l Art.

1575. Monsinjur Duzina ordna li il funzjonijiet f'il cnejjes jibdgħu jsiru b'il musica. Ingiebu tliet Surmastrijiet di Cappella minn Skallija u l-eŭŭel musica saret f'il Cadidral ta'l Imdina.

1822. F'is-16 ta' Novembru giè mogħti l-ilna l-Appell l'ir-Re f'il caŭżi.

1798. F'il 15 ta' Giunju giè mehlus m'il habs Dun Għejtan Mannarinu.

*( tissocta )*

# Il Mistoksija oht il Għerf

A. S. (Bormla) chiti li:— **"Chif tneħħi it-tbajja ta'l hall u ta'l imbit m'il hŭejjeġ ? "**

Hallat 75 parti sapun abjad, 4 parti żejt ta't-trementina u parti u nofs melh ammonijacu; u għaddi bih.

⁂

C. R. (Hamrun) saksieni:— **"X'inhu l-ahjar li ŭiehed jagħmel biex inakkas m'is-simna ? "**

Tantx tixrob birra u spirti; meta tixrob l-ilma agħsar ftit lumi fih; imxi chemm tista u haddem gismec; orkod ftit u la tiecolx hŭejjeġ grassi; il cafè u 't-tè hudhom bla halib; cul chemm tista haxix; hu ftit laham u xejn imbit.

⁂

M. B. (Sliema) irid jaf:— **"chif inehhi it-tbajja ta'l linca m'il cotba. "**

Hu ftit acidu ossalicu (velenu kaŭŭi) jeŭ acidu citricu jeŭ acidu tartaricu; hollhom u għaddi bihom. Daŭna ma jhassrux il-linca ta'l-istampa.

C. C. (Il Belt), chitibli:—"**Jiena scarpan u jiddispjacini ħafna meta l'il xi ŭieħed li ma jafx tajjeb is-sengħa tiegħu, ighidulu li hu scarpan. Nixtiek naf jecc kattx chien haŭn xi scarpan għaref ħalli nicconsla ruħi ftit.**

Iva, scrapan għorrief chien hemm ħafna. Daŭna li sejjer insemmilec huma xi ftit minnhom —

Il filosfu Xmun ta'Ateni, dixxiplu u ħabib ta'l cbir filosfu Socrate, chien scarpan. Dana biex ighix liberu ma riedx iħalli is-sengħa tiegħu għall post għoli li chien offrielhu Pericle.

Pubblju Alfenu Varo, bniedem famus f'il-Ligi, chien jagħmel iż-żraben f'il belt ta' Cremona, fl-Italja.

Ġacbu Pantaleon, li chien scarpan f-żgħożitu fi Troyes, belt ta'Franza, laħak Papa bl-isem ta'Urbano Erbgħa,

Hans Sachs, scarpan ta'Norimberga f'il Germanja, chien poeta famus, u jsmu għadu jissemma sa'l-lum.

Beneditt Baudoin, bniedem famus li chien jifhem fl-affarijiet ta'l antichita' u membru ta'l Accademja Franciża, u li hu actar magħruf taħt l-isem ta'*Balduinus*. chien scarpan f'Amiens fi Franza u għix f'is-seclu li ħareġ

Scarpan chien ucoll Ġorġ Fox, dac li jffonda is-setta ta'l ħbieb imsejħa m'il l'Inglizi ta'l Quakers.

John Brandt, anticŭarju famus ngliż chien ucoll scarpan.

Carlu Linneo, l-imfaħħar naturalista Sŭejdis, tgħallem is-sengħa ta'scarpan u baka jaħdem biex ighix x-ħin chien fl-Università ta' Upsala.

Ġanni Ġacchinu Winckelmann ta Brandeburgu, li għal għerf tiegħu gié 'msejjaħ "Il missier ta'. archeologjia (ix-xjenza ta'l ħŭejjeġ antichi) u ta'l estetica (ix-xienza ta'l ġmiel) beda il ħajja tiegħu bħala scarpan fkajjar, u l-istess sengħa chellu ucoll missieru,

Nagħilku d'il lista bl-ismijiet ta' żeŭġ personaġgi imsemmija ta' żminijietna; il ŭieħed, is-sur Rigaut matematicu famus franciż, u l-ieħor, Nericu Wilson li chien Vici-President ta'l Istati. Uniti fi żmien l-amministrazzjoni ta'l President Grant. Jidhirli li daŭna il ftit ismijet huma biż-żejjed biex jonuraŭlec is-sengħa tiegħec.

***

**Chemm jista jgħix żiemel bla ma jiecol?** P. Z. (Żabbar)

Żiemel jista jgħaddi 25 ġurrata bla ma jiecol xejn, basta jixrob l-ilma. Bla ma jiecol u jixrob xejn idumm 17 il ġurnata; u jecc jiecol bla ma jixrob għix 5 t-ijem biss.

***

**Tasseŭ li iż-żŭieġ bejn il kraba hu ħażin għa's-saħħa?** (P. L Sliema).

Iż-żŭieġ bejn il kraba, scond ma jifmhu ħafna għorrief, igħarrak in-nisel. Bertillon ighid illi għalchemm iż-żŭieġ bejn il kraba ma joħlokx mardijiet ġodda iżda iħarrax daŭc li diġà jcunu jinsabu f'ir-razza. Oħrajn iridu jgħidu li minn daŭna iż-żŭiegijiet jitnisslu mardijiet ġodda ucoll. Bemiss ighid illi sebgħa u għoxrin f'il mija minn daŭna iż-żŭiegijiet jirnexxu bla tfal. Lent ighid li ħamsa u tletin f'il mija m'it-tfal li jitŭieldu minn daŭna iż-żŭiegijiet joħorġu torox u muti.

Boudin ighid illi tmienja u għoxrin f'il mija ta't-torox-muti li hemm fi Franza huma tfal imnisslin minn żŭiegijiet bejn il kraba.

Darwin chiteb illi ħamsa u tletin cull elf ta' għomja, torox-muti u ta' nies li jbatu b-tal kamar huma imnisslin bejn il kraba. Paucet ighid illi għoxrin, f'il mija ta' ż-żŭiegijiet bejn il kraba f'il Messicu jibkgħu bla tfal. Boudin ighidilna illi għal cull ŭieħed trux-mutu li jitŭieled minn żŭieġ m'hux bejn il kraba, jitŭieldu tmintax il ŭieħed meta iż-żŭieġ icun sar bejn cugini, sebgħa u tletin jecc bejn ziju u neputija, u sebgħin ŭieħed jecc bejn neputi u zija.

Billi iż-żŭiegijiet bejn il kraba jsiru actar bejn il Lhud u il Protestanti milli bejn l-Insara, f-Berlin, belt capitali ta'l Germanja sabu illi f-10,000 nisrani tŭieldu tlieta biss torox-muti, iżda tŭieldu sitt torox-muti f-10,000 protestant u sebgħa u għoxrin trux-mutu f-10,000 lhudi.

Darwin sab illi iż-żŭiegijiet bejn il kraba fost in-nobbli inglizi huma sitt darbiet actar milli huma fost in-nies l-oħra (450 cull10,000). Sab ucoll illi satax f'il mija ta'żŭiegijiet bejn il kraba ta' daŭna in-nobbli ingliżi jibkgħu bla tfal, meta m' iż-żŭiegijiet l'oħra sitta biss f'il mija jibkgħu bla tfal.

Insibu illi fi Franza il għomja, it-torox, il muti u l-imgienen joctru meta joctru iż-żŭiegijiet bejn il kraba. Mil-1853 sa'l-1855 saru 93 żŭieġ bejn il kraba f-10,000 ruħ; fl-istess snin tŭieldu 224 bejn għomja, torox etc cull 100,000 ruh. Meta m'il 1856 sa'l 1860 in-numru chiber sa 100 cull 100,000 ruħ, in-numru ta'l- immancati chiber 297 cull100,000 ruħ. Meta m'il-1861 sa'l-1865 sar 119; in-numru ta'l-immancati sar 290. Meta m'il-1866 sa'l- 1871 sar 126 in-numru ta'l-immancati tala 292. Dana jurina bic-car illi scond ma joctru iż-żŭiegijiet bejn il kraba hecc ucoll joctor il għadd ta't-tfal immancati li jitnisslu minnhom.

***

**Meta tfittex il xi ħadd għal l-alimenti x'teħodlu, l-ichel biss?** G. F. (Il Belt)

Scond l-articolu 25 ta'l Ordinanza Numru 1 ta'l 1873, il-Ligi b-alimenti tifhem m'hux biss l-ichel iżda l-ilbies u'l chera ucoll, u jecc min jitlob daŭna l-alimenti hu l-iben jeŭ il bint għandu id-dritt ta'l-ispejjes ta'l-ischejjel ucoll.

***

**Chemm haŭn nies f'id-dinja li jafu bl-ingliż?** G. R. (Żebbuġ).

Fuk il 140 miljun. B'it-tedesc u b'ir-russu haŭn 75 miljun; b'il-franciż 51 miljun; bl-ispanjol 42 miljun; b'it-taljan 33 miljun u bil portughis 13 il miljun.

***

**Liema chienet l-eŭŭel gazzetta li dehret f'id-dinja?** P. C. (Musta)

L-eŭŭel gazzetta, jecc ŭieħed jista jsejħilha b-dan l-isem, chienet l-«Acta Diurna» ta' Ruma; li chienet tigi mŭaħħla ma'l ħitan minn żmien Ġulju Cesri (50 sena kabel Cristu) sa żmien il ŭakgħa ta'l-Imperu (476 ŭara Cristu).

L-eŭŭel gazzetta stampata dehret f'ic-Cina f'is-sena 382 ŭara Cristu.

M'il- 1447 il kuddiem f'il Germanja u f-Venezja bdeŭ joħorġu carti stampati bl-aħbarijiet ta' cull jum, u billi daŭna il carti f-Venezja chienu jimbigħu b'il prezz ta' "gazzetta" (biċċa flus li chienet tisŭa xi sitt ħabbiet tagħna) ħadu huma stess l-isem ta' gazzetta, isem li baka' nieżel sa'l-lum.

L-eŭŭel gazzetta li bdiet toħroġ cull tant żmien iżda bla ma takta chienet dic li deħret f-Anversa fl-1605, L-eŭŭel ġurnal li beda joħroġ cull jum deher fi Frankfort, f'il Germanja fl-1615 u li għadu joħroġ sa'l-lum, igifieri jgħodd il ħajja sabieħa ta'mitejn u tlieta u disgħin sena (293)!!

L-eŭŭel gazzetta ingliża ħarget fl-Londra fl-1622; u l-eŭŭel ŭaħda li dehret fl-America chienet il «Boston News Letter» fl-1704.

In-numru ta'l gazzetti li joħorġu ma'd-dinja collha hu ta 47,000 imkassmin hecc: fl-Istati Uniti u f'il Canada joħorġu 17,760; f'il Gran Brettanja 2,500; f'il Germanja 6'000; fi Franza 4,200; f'il Ġappun 500; fl'Italja 1,600, fl-Austrja u fl-Ungherija 2,200; fl-Asja (barra m'il Ġappun) 1 000; fi-Spanja 1,150; f'ir-Russja 800; fl-Aŭstralja 100; f'il Grecja 100; fl-Isvizzera 450; fl-Olanda 300; f'il Belġju 800, u f'il pajjisi l'oħra ta'd-dinja elf b-collox. In-numru ta'l copji li joħorġu ma tul is-sena ta' daŭna il gazzetti collha jlaħħak 9,481,610.000!

L-actar ġurnal li jxerred copji cull darba li joħroġ hu il "Lloyd's Weekly News" għaliex ilaħħak miljun u tliet mitt elf cull darba; ŭarajh jigi il «Petit Journal» ta' Parigi b-950,000 copja cull ħarġa.

***

**Da'l ġranet cont il cażin inħares lejn żeŭġ t-ħbieb tiegħi li chienu kieghdin jilagħbu b'l-ohxon. Ŭieħed minnhom naksuh il flus u sliftu żeŭġ liri biex icompli jilgħab. Meta tlabtomlu ċahadni minnhom għaliex kalli li ma għandix dritt neħodhom. Nixtiek naf dana hux tasseŭ?** A. M. (Sliema.)

Iva għandu raġun għaliex scond l'articolu 1473 ta' l-Ordinanza numru sebgħa ta'l 1868, min jislef flus li jcun jaf li ghandhom iservu għal-logħob ma għandu l-ebda dritt jeħodhom lura. Mela kejs tlusec mitlufa; għall'darb 'oħra iftaħ għajneic ftit ahjar.

Cun af ucoll li jecc tcun tilgħab ma xi ħadd u toħroġlu xi flus biex jilgħab jeŭ iddejnu, flusec huma mitlufa

# STORJA TA'L PAPIET

*L-Istorja ta'l Papiet hi l-istorja ta'l insara collha; u bħal ma cull bniedem għandu jcun jaf x'ġara f-pajjisu u min chienu is-slaten li ħacmu fuku; hecc ucoll cull nisrani għandu jcun jaf il ħajja u 'l-għamil ta'l Papiet, biex icun jaf chemm hi glorjusa l-istorja ta'l Cnisja li biha jemmen, u chemm ghideb kalgħu l-egħdeŭŭa contra ħafna papiet; sabiex b-hecc cull nisrani, armat b'is-seŭŭa f-idu, jcun jista jiddefendi il capijiet ta'r-Reliġjon tiegħu contra daŭca li ma jcunux kraŭ ħlief il cotba ta'l egħdeŭŭa u m'hux il vera storja.*

*Malta dejjem chella 'mħabba cbira lejn il Papiet, u dejjem uriet l-acbar kima lejhom, f-cull żmien, minn mindu l-Appostlu San Paŭl għamilna 'nsara; għalecc nitma li dina l-*Istorja ta'l Papiet*, li jiena ġbart minn fuk l-aħjar aŭturi, u l-actar minn fuk l-opri famusi ta'l Cardinal Tripepi, tigi milkuha b-ferħa cbira, u li cull nisrani jfittex li jxerridha ma' ħbiebu sabiex il glorji ta'l Cnisja ta' Gesù Cristu u ta'l Capijiet tagħha jiġu actar magħrufa minn cullħadd.*

I.

## SAN PIETRU.

**Saltan f-Ruma 25 sena, xahrejn u 7 t-ijiem. Ŭasal f'is-sena 42 ŭara Cristu u miet f'id-29 ta' Ġunju ta's-sena 67.**

Meta Cristu għalak it-tletin sena ħareġ ixandar it-tagħlim tiegħu, u għalecc mar għammar f'Cafarnaŭ li kiegħda fuk ix-xatt ta'l Għadira ta' Gennezarett. Darba ŭaħda x-ħin Cristu chien miexi ma' tul ix-xtajta ta' dina il għadira lemaħ il Xmun bin Ġona f'il ħin li chien kiegħed icala it-tartarun, sejjaħlu u Xmun minnufih telak it-tartarun li chellu f'idejh u telak għal ŭarajh. Dic is-sejħa għamlet l'il Xmun ŭieħed m'il l-appostli ta' Cristu.

Xmun intela b'il ħrara u bl-imħabba lejn it-tagħlim li beda jxandar Gesù, u hu chien l-eŭŭel ŭieħed li stkarr li Cristu chien Bin-Alla u li kabeż għalih f'il ġnien ta'l Getsemani. Cristu taħ il-lakam ta' «*Cefa*» li jfisser «*ħaġra*», ŭegħdu li għandu jcollu il ħacma fuk l-oħrajn, u lilu biss, bħal ma jgħidilna San Matteŭ, kal daŭna il chelmiet:— «U jiena ngħidlec li inti Pietru u fuk dina il ħaġra nibni il Cnisja tiegħi, u il bŭieb ta' l-infern ma jcollhom l-ebda setgħa contra tagħha. U jiena natic l-imfietaħ ta's-saltna ta's-Smeŭŭiet, u dac collu li tcun irbatt fuk din l-art jigi marbut f'is-Smeŭŭiet, u dac collu li tcun ħallejt fl-art jigi maħlul f'is-Smeŭŭiet.»

Dina il ŭegħda Cristu raġa' ġeddidha ftit kabel ma tala' f'is-Smeŭŭiet meta darba deher l'il Xmun Pietru u kallu:— «Irgħa il ħrief tiegħi, irgħa in-ngħaġ tiegħi». U b'dana il cliem San Pietru ġiè maħtur bħala ragħaj ta'l merħla ta' Cristu, bħala ħachem ta'l insara collha.

Cristu dejjem ŭera li ried l'il Pietru jaraħ bħala cap ta' l-oħrajn: San Pietru dejjem jissemma kabel l-appostli l-oħra;- Cristu chien dejjem jitchellem miegħu il bicċa il cbira meta chienu jcunu f'xi festa jeŭ f-xi ŭirja; Cristu għażel id-dgħajsa tiegħu biex minna jxandar il chelma 'mkaddsa tiegħu; Cristu ħasillu riġlejħ kabel l-oħrajn fl-aħħar cena, u dejjem żammu ma' dŭaru bħala xieda ta'l għeġubijiet u ta't-tagħlim tiegħu.

Malli Cristu tala' is-sema San Pietru, billi hu chien maħtur bħala Cap ta'l Cnisja, ta' ruħu, b-ħeġġa li ma bħala, biex ixandar it-tagħlim imkaddes ta' Gesù. Hu chien li ħabrec biex San Mattija giè magħżul bħala Appostlu ġdid f-loc Ġuda Iscarjota, li chien lagħab l'il l-Imgħallem tiegħu, u chien hu li beda l-eŭŭel ŭieħed ixandar l'il ġnus collha il chelma t-Alla.

Għamel ucoll ħafna għeġubijiet; ċanfar l'il Ananija u l'il Saffira, li ŭakgħu mejta f-riġlejħ; għacches il kerk ta' Xmun is-Saħħar.

Ŭara li għażel bħala Iskof ta' Gerusalemm l'il Ġacbu 'msejjaħ «it-Tajjeb», mar f-Antiocja, fejn beda joctor il għadd ta'l Insara. Minn hemm San Pietru mar fi'l Pontu, fi'l Galazja, fi'l Cappadoċja, fl-Asja, u fi'l Bitinja, biex ixandar it-tagħlim ta' Cristu.

San Paŭl, meta sar nisrani, mar għandu f-Gerusalemm għaliex hu chien il Cap ta' l-appostli u il Ħachem ta'l cnejjes insara collha.

F-Joppe San Pietru chellu dehra ta'l għaġeb li fiha Alla ħabbarlu li chellhom jakilbu 'nsara ħafna pagani; u l'eŭŭel ŭieħed li resak f-riglejh San Pietru biex iħaddan il Ligi il Ġdida chien Cornelju, iċ-ċenturjun ruman ta' Cesarea flimchien ma'l familja tiegħu.

Alla 'mbagħad nebbħu biex imur ixandar il chelma 'mkaddsa tiegħu f-Ruma, li chienet il belt eŭlenija ta'l Paganesmu. Allura San Pietru ħatar bħala Iskof ta' Antiocja l'il Evodju u hu telak lejn Ruma fejn ŭasal f'is-sena 42 ŭara il miġja ta' Cristu f'id-dinja, fiż-żmien li chien isaltan f-Ruma l-Imperatur Claŭdju; u f'dic il belt li chienet imgħargħra f-cull kerk u f-cull ħażen, San Pietru ŭakkaf is-salib imkaddes li hu is-sinjal ta's-seŭŭa u ta' cull daŭl.

Minn Ruma raġa mar f-Gerusalemm biex isaħħaħ il cnisja ta' hemm; iżda Erode Agrippa kabdu u tefgħu f-kiegħ ta' ħabs. L-insara collha talbu għalih, u ma'l-lejl l-anġlu t'Alla niżel u ħelsu m'il ħabs, u raġa mar f-Ruma. L-Imperatur Claudju xandar editt li bih checċa l'il Lhud collha minn Ruma, u għalecc San Pietru raġa mar f-Gerusalemm fejn ħa sehem fil Concilju cbir li sar hemm, u bħala cap ta' dica il Lakgħa ŭettak il fehmiet tiegħu. Malli miet l-Imperatur Claudju San Pietru raġa mar Ruma fejn chien kiegħed isaltan il chiefer Neruni. Minn Ruma bagħat nies biex ixandru il chelma t'Alla ma' l-Italja collha, fi'l Gallja, f'ix-xtut ta'l Africa u f-pajjisi oħra; u gighel l'il San Marc li jicteb l-Evanġelju tiegħu, u hu stess chiteb żeŭġ ittri l'il l-insara.

Neruni beda jaħkar l'il l-insara bi ħruxija li ma bħala, u l-eŭŭel li messhom sehimhom chienu San Pietru u San Paŭl, li chien ucoll jinsab f-dic il belt, għaliex geŭ mitfuhin f'il ħabs ta' Mamertinu ta' ħdejn il Campidolju. Ŭara disa xhur, f'is-sena 67 ŭara il migja ta' Cristu u ŭara 25 sena li chien ilu Papa, f'id-29 ta'Ġunju giè 'msallab, chif ried hu, rasu l-isfel, għaliex kal li ma chienx ħakku li jissallab rasu il fuk bħal l-Imgħallem tiegħu Gesù.

Giè midfun f'it-triek Aurelja fejn il-lum jinsabu il Basilica u il Palazz ta'l Vatican.

San Pietru miet, iżda ŭakkaf f-Ruma l-eŭŭel ġebla ta's-saltna glorjusa ta'l Papiet u biddel dic il belt faħxija u karrieka f'it-tron ta' Cristu, f-Omm ta'l insara collha.

A. Levanzin.

# Esperanto

L-Esperanto hu miexi b'ir-rieħ fi'l kala ġmielu, ma' d-dinja collha. Xi ħmistax il ġurnata ilu, fi Dresda (ŭaħda m'il l-actar bliet cbar u jmportanti ta'l Germanja), sar ir-raba Congress, u dina il Lakgħa tant irnexxiet li bi ħsiebi nitchellem fukha magħcom actar f'it-tul f-numru ieħor. It-tliet Congressi l'oħra saru: l'eŭŭel ŭieħed f'Boulogne-sur-Mer fi Franza, fl-1905; it-tieni f-Ginevra, fl-1906 meta 'l Papa Piu X bagħat ibierec l'il l-Esperantisti collha li ħadu sehem, u it-tielet f-Cambridge, fejn hemm ŭaħda m'il l-akŭa Universitajiet m'hux biss ta'l Inghilterra iżda ta'd-dinja.




Ingħid jien, chiecu l'Esperanto chien dic il biċċa ġen li riedu jpinġuħ ħafna injuranti, chienu sejrin jeħduħ hecc b'is-serjetà il Franciżi, l-Ingliżi u it-Tedeschi, u jdaħħluħ saħansitra fl-Universitajiet tagħhom? Il Ġappuniżi fehmu il ħtieġa tiegħu u m'hux biss li ġa għandom ġurnal bl-Esperanto, iżda daħħluħ fl-Università ucoll billi għamlu Cattedra f-Tokjo, li tgħodd ma't-800 scular. Il Prof: Boirac, Rettur ta'l Università ta' Digione; il Dr. Pollen, il għaref lingŭista ingliż, il Marchis De Beaufront, il cbir lingŭista franciż; il Prof: Bourlet ta' Parigi; il Prof: Sac: Giambene ta' Ruma; Villareal, il President ta's-Senat ta'l Perù, il Prof: Merey, ta'l Accademja ta' Parigi, u id-Dr. Coreau, Logotenent-Gvernatur ta'l Congu, huma ftit minn daŭc il *boloħ* li ħabblu rashom bl-Esperanto.

L'Esperanto għandu ġa fuk it-tletin ġurnal imxerrdin ma'd-dinja collha; hu 'mdaħħal f-actar minn sebgħin pajjis m'il l-Islanda sa'l Cap ta' Buona Speranza; m'il Ġappun sa'l Messicu, sa'l Alasca, sa's Siberja sa'l Chilì, sa'l Congu u saħansitra sa's Siam u sa's-Society Islands.

Mela ta' daŭc li meta jisimgħu l-isem ta' l-Esperanto jitbissmu jidħcu u jridu jagħmluha ta'l ħelŭin b-dac li ma jifhmux fih, la tatu l-ebda cas; ħalluhom jixxalaŭ imgħargħrin fl-injuranza tagħhom u inkom tgħallmu, bla ma titilfu l-ebda żmien, dina il lingŭa tant ħafifa, tant sabieħa u tant meħtieġa u li biħa tcunu tistgħu f-kasir żmien tiftehmu ma'n-nies ta' truf id-dinja. Min jaf m'hux ħażin it-taljan u l-ingliż, fi ftit ġmiegħi, jcun jista m'hux biss jakra il ħafna cotba sbieħ li hemm mictubin b-dina il-lingŭa, iżda ucoll jiccorrispondi ma'nies li chiecu katt ma chien joħlom biss li jista katt jiftihem magħhom icun jista, bi ftit ħala ta żmien, bi spisa l-actar żgħejra, jiccummerċja ma' pajjisi li chiecu katt ma chien icun jista biss jaf hlief b-isimhom, billi l-ilsna tagħhom huma ŭisk tkal u irid ħafna snin biex titgħallimhom.

Biex ma nibkgħux dura, meta f-pajjisi 'mdaŭŭla ħafna actar minna, lakgħuħ b'il ferħa, tħajjart li 'nxandar it-tagħlim ta' l-Esperanto, u b-dina ix-xeŭka sejjer ingibilcom daŭna il-lezzjonijiet biex titgħallmuħ. Ħallu il boloħ jakilgħu għajnejhom u jifirħu; iż-żmien hu ittal miz-zalzett, u il kuddiem għad cullħadd jara min chien l-actar ibleħ u miġnun fostna, bejn min tgħallimha u bejn min le.

Jiena ridt inżejjen dana l'eŭŭel numru ta'l ġurnal tiegħi b'ir-ritratt ta' d-Duttur Luigi Zamenhof, l-aŭtur ta' l-Esperanto, u li bagħatli hu stess iffirmat b-ismu; u nifhem li cullħadd jieħu gost billi jħollu ix-xbiħa ta' dac li għad icun magħdud bħala uieħed m'il l-acbar nies ta'd-dinja.

Id-Duttur Zamenhof hu tabib ta'l għajnejn u jokgħod f-Varsavja, belt capitali ta'l Polonja, pajjisu, u għandu ma'l ħamsin sena. Dana jaf sbatax il-lingŭa u dam ilesti l-Esperanto għal ħmistax il sena. Franza, għal għerfu, tatu il midalja ta'l-Legione d'Onore. Xi sena ilu saret f-Parigi lakgħa bejn l-aħjar lingŭisti ta' d-dinja biex jaraŭ liema hi l-aħjar lingŭa internazzjonali; u ŭara ħafna studju għażlu l-Esperanto, bi'l patt li jseŭŭulu xi żelluma żgħejra li sabulu. Dana jfisser biċ-ċar li l-Esperanto, f'is-sustanza tiegħu, hu sistema ŭisk tajjeb biex iservi bħala lingŭa bejn in-nażżjonijiet; u jkaŭŭilna kalb-na biex nidħku aħna meta naraŭ x'injurant li jrid jidħak bina, jeŭ xi ġurnalista ta'l Labba gożż li, bla ma jaf x-ifisser, irid igħaddi iż-żmien bl-Esperanto u b-daŭc li jridu jxerrduħ f-daŭna il Gżejjer.

Meta issa tcunu tafu x-in-hu bejn ŭieħed u jeħor, dana l'imbierec ta l-Esperanto, tintebħu minnufih jecc id-daħc u iż-żuffjett jixirkux izjed l'il min ried jidħac bina milli lilna u li'l l-Esperanto.

Aħsbu ftit b-rascom u kejsu ftit b-xibircom u tħallux min iberridcom b'il csuħat u il pastażati; tgħallmu l-Esperanto, u jecc ma tcunux takblu ma xi *għorrief* ta' Malta, ħudu pacenzja, tcunu għallankas takblu ma'l fjur ta'l għerf ta'l Europa u ta'l America chif iduru.

Halli mela nati bidu biex nuricom chemm hi ħafifa u chemm hi sabieħa dina il lingŭa.

★

L-alfabet fih 28 ittra; daŭna iż-17 minnhom jinkraŭ seŭŭa seŭ bħa't-taljan:—

a, b, d, e, f, i, l, m, n, o, p, r, s, t, u, v, z.

Billi l-Esperanto hu lingŭa fonetica l-ittri collha dejjem

għandhom l-istess leħen, u cull leħen dejjem jinchiteb bl-istess ittra. Ma hemmx, għalecc, ittri li ma jinkraŭx jeŭ li f-chelma jinkraŭ mod u f-oħra ieħor, bħal ma jigri spiss f-lilsna oħra. Dana il cliem li gej jinkara seŭŭa seŭ bħa't-taljan; m'hux biss; iżda jfisser ucoll l-istess ħaġa:—

Alabastro,— Alfabeto,— Asfalto *(dac li jiċċangaŭ bih it-torok)*,— Avo (*nannu*),— Bastardo,— Bulbo *(basla)*, — Dio, — Dorso *(dahar)*, — Forno, — Labirinto,— Lardo *(grass)*,— Leopardo,— Libro,— Lino *(chittien)*,—Litro *(chejl)*,— Lupo, — Mito (*ħrafa*),— Membro, — Meridiano,— Metro,— Minuto,— Mirto *(rand)*, — Mistero, — Momento,— Mondo,— Monumento,— Mulo *(bagħal)*,— Muro *(ħajt)*,— Nervo,— Olivo,—*(siġra ta'ż-żebbuġ)*, Oro *(deheb)*,— Palato (*iddeŭkien*),— Parlamento,— Patrono (*protettur*),—Pino (*arżnu*), — Pomo (*tuffieħa*),—Ritmo(*ta'l poeżija*),— Saluto (*tislima*),— Senato, — Smeraldo, — Sultano, — Teatro, — Tempo (*żmien*), — Trono, — Tumulto (*għagħa*),— Universo,— Vento (*rieħ*),— Verso,— Vino (*imbit*).—Testamento.

Akraŭ, immela, l-istess bħa't-taljan u araŭ tistgħux tfissruħ ŭieħidcom, dana ittaħriġ li gej:—

La (il) mondo estas (hu) granda (cbir.) La granda mondo estas bela (sabieħ). La libro estas bela. La alta monumento estas granda. Dio estas eterna. La eterna Dio estas bona. La teatro estas nova (ġdid). La tempo estas longa (tŭil). La sultano estas modesta (kiebi). La lupo estas avìda ('mlebleb b'il ġuħ). La severa (imkit) sultano estas sur (fuk) la alta trono. La oro estas bela.

Issa, billi fl-Esperanto, meta takra, il għafsa ta'l leħen dejjem taka banda ŭaħda, igifieri fuk is-sillaba ta' kabel l-aħħar, hemm ħafna cliem fl-Esperanto li jfisser l-istess ħaġa bħal cliem taljan u ma jakbilx miegħu biss għaliex f'it-taljan il għafsa ta'l leħen issir fuk sillaba oħra.

Daŭna il chelmiet, ifissru l-istess bħa't-taljan, iżda meta takraŭhom ŭakkgħu l-aċcent fejn taraŭħ immarcat.

Aerostàto (*ballun*),-- Apostòlo,-- Atòmo,-- Barbàro,-- Debìto, (*dejn*),-- Diamètro,-- Epitèto (*lakam*),-- Fenomèno,-- Filantròpo (*ŭieħed li jħobb il bniedmin*) -- Fosfòro,-- Idòlo,-- Individùo,-- Periòdo,-- Polìpo (*karnita*),-- Popòlo,-- Premìo, -- Proletarìo (*ŭieħed ta'l poplu baxx*),-- Sabàto (*nhar ta'Sibt*),-- Sandàlo,-- Simbòlo,-- Sinòdo,-- Spirìto,-- Tempìo,-- Utèro,-- Vespero (*filgħaxija*),-- Seminario,-- Titòlo.

Fl-Esperanto ma hemm katt, fl-istess sillaba, ittri doppji, bħal ma hemm fl-ilsna l-oħra; u għalecc da'l cliem li gej ifisser l-istess bħa't-taljan:----

Ananaso (*frotta*);-- Aparato,-- Apetito,-- Aresto,- Balo (*ballu*),--Baso,-- (*baxx ta't teatru*),-- Drapo,-- Duelo,-- Fero (*ħadid*),-- Mantelo,-- Metalo,-- Modelo,-- Morbilo (*ħożba*),-- Ombrelo,-- Profito,-- Progreso,-- Raporto,-- Tirano,-- Vasalo (*sudditu*).

(*jissocta*)

# CHIEFRA!...

*«Lè m'hux tasseŭ li'n-nisa għandom kalb.»*

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

MA contx jien bgħadtec?— Cont ħsibt li kalbi
għal'l bruda tiegħec - birdet ucoll;
cont ħsibt li 'l chiefer— cliem iebes tiegħec
l-irbàt ta' imħabbti— chien k'ed iħoll.

Intbaħt li kalbi— 'rbatt ma' kalb dgħajfa
u li l-imħabba— ma tafx x-inhija;
ridt fis nitgħakkal —m'il bluha tiegħi
la b-da'l mod chiefer— mort tkarrak bija;

u minn kiegħ kalbi— sħitt dic is-siegħa
li rasi 'ntilfet— ŭara 'l ġmiel tiegħec;
tasseŭ li cheŭcbti— timraħ f-sem' icreħ
la biex tekridni— lakkgħitni miegħec.

'Ma geŭ kaluli— li 'mħabba ġdida,
f-kalbcc cherrejja,— m'il ġdid mort crejt.
Makdart fruhitec;— 'ma ŭièci chibes
u... min jifhimni ?... nibchi 'nfexxejt.

« Għarraktli saħħti— żdingajtli xogħli...
« l-egħŭiedi tiegħec— cont jien dammejt...»
ftacart, fl-eħ darba— li ħlift li tħobbni,..
li tħobb biss lili.— u emminni bchejt.

Ftacart f-xi lejla— tasseŭ ta'l hena,
(f'il beŭs imxigħel)— li kattajt ħdejc...
ftacart fi ljeli— bla ngħas, u fl-ibħra
li fridt biex, chiefra !— ŭarajc jien ġrejt...

Ftacart li 'mħabbti— collha cont tajtec,
u ta' dan miegħi— b-kerk cbir imxejt.
Intbaħt li vittma— cont ta' fruhitec..
li għadni 'nħobboc— intbaħt... u bchejt...

Lixandra. N. VALENZIA.

# Cliem il Għorrief.

«Biex tcun kiegħed tħobb l'il pajjisec tasseŭ chif imissec għandec tfittex biex ittieħ fic innifsec iben hecc tajjeb li ma jcollhiex għa'x tistħi minnec m'ħux biss, iżda li tcun tista tiftaħar bic. Li tcun ŭieħed minn daŭc li jżebilħu it-tŭemmin u iddraŭŭiet tajba, u fl-istess ħin trid tħobb chif imissec l'il art tŭelidec huma żeŭġ ħŭejjeġ li ma jistgħux jokogħdu flimchien, daks li ma jistax icun li tcun tħobb tasseŭ mara bla ma taraha bi cbira xejn li tibdilha.

Jecc il xi bniedem li jżeblaħ il cnisja, il kdusija ta'ż-żŭieġ li 'mgiba tajba u is-seŭŭa, tisimgħu jgħajjat: «Patrija, patrija» la temmnux. Dac hu patrijott b-żeŭġ uċuħ, dac hu iben ta' pajjisu m'il l-agħar.»

SILVJU PELLICO.

GLORIA ta' F. Cilea.
LA NAVE ROSSA ta' A. Seppilli.
ANDREA CHENIER ta' Giordano.
FEDORA ta' l-istess.
SIBERIA ta' l-istess.

F-numru ieħor nati l-ismijiet ta'l artisti ta'ż-żeüġ Teatri; u jecc jirnexxili, 'ngibilcom f'in-«Naħla» ir-ritratti ta'l artisti principali.

Bi ħsiebi ucoll ingib rivista ta' cull opra meta jsiru, biex cullħadd icun jista jäf x'inhu jsir f-daüna it-Teatri u x-jisüeü l-artisti li jcunu kiegħdin icantaü fihom.

## TEATRINI

F'it-«TEATRINO MELITA» ta'r-Rabat, is-Società Filodrammatica «L'Amore» sejra tirrappresenta nhar il Ħadd li gej, il famus dramm «It-Trovatella ta' Santa Marija,» traduzzjoni ta's-Sur G. Bartoli. Üara jsiru farsa u cuncert ta'l canzunettisti.

Jecc xi 'msieħeb icun iriċ igib, fi ftit cliem, xi ħaġa fuk it-teatrini, 'ngibielu ucoll.

## CINEMATOGRAFI.

Bi ħsiebi cull fejn nara xera sabieħa 'ngħarrafcom biha ħalli tcunu tistgħu tmorru taraüha.

★

*Imut f-żgħużitu dac li hu maħbub m'is-Sema.*
Menandro.

B-għasra ta' kalb cbira sejjer inħabbar il meüt ta'ż-żagħżuħ maħbub minn cullħadd,

## GEORGE BARBARO

bin il Marchis di San Giorgio, li miet da'l ġranet, fuk il vapur «Mauritian,» fejn chien impiegat bħala Inginier.

Ġorġ chien üieħed m'il ħbieb l-actar għeżież tiegħi, u katt ma ħlomt, meta ftit xhur ilu ġie jarani, li sejjer innicchet dana l-eüüel numru ta'l gazzetta tiegħi, b'il meüt chiefra tiegħu.

Ġorġ chien studjus, tüajjeb, għakli, ħelu ma' cullħadd u ismu katt ma' għamlu 'mkit; chien bieżel u ħaütiel ucoll.

Alla jatieħ il mistrieħ ta' dejjem u l'il familja tiegħu is-sabar għa't-telfa tasseü chiefra li biha is-Sema ried igarrbilhom klubhom.

Nissieħbu ucoll, b-kalbna collha, fl-ugiegħ-il-kalb ta's-Sur Paül Vella, Registratur ta'l Krati t-Isfel, għa't-telfa ta' ibnu

## EDGARDO VELLA

żagħżuħ ta' 21 sena, u li chien ġa f'it-tieni sena ta'l cors ta' Avucat. Chien il għaxka m'hux biss ta'l familja tiegħu iżda ta' cull min chien jafu.



# IS-SAĦĦAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

I.

ID-DNUB MA JORKODX!

LEÜÜEL daül taż-żerniek chien ġa beda jintraxx ġmielu f-għodüa chiesħa ta' Jannar ta'l 1575, iżda Carmena Falzun, is-sbejħa bint il Hachem ta'l Imdina, chien għada, ma tul dac il-lejl tüil collu, ma għalkitx għajnejha xifer ma' xifer.

L-imħabba cbira li chienet nisslet f-kalbha lejn il Cavalier De Saqueville, l-istri li, üaħda f-üaħda, chien kiegħed jibgħatilha, mimlija bl-actar cliem ħelu, biex ichebbes fiha actar kaüüija it-telfa ta' dic l-imsejcna xbejba, is-sefsif ta'l irsir Ħamid li chien imxaħħam m'ill Cavalier biex jara chif jagħmel ħalli jtajjarha minn dar missierha u jüassalielu ġo difrejħ, minn naħħa il üaħda; u id-dmir tagħha lejn ix-xüejjaħ u 'mnicchet missierha, li dejjem għajnu għocritu għall Cavalier; il ħsieb kalil li il Papa ma chienx sejjer iħoll l'il De Saqueville m'ill üegħda tiegħu ta' Cavalier biex icun jista jiżżeüüigħa bħal ma üegħidha; u fuk collox, il beżgħa cbira li chella minn ħuħa Ambroġ, li chien jobgħod għal meüt l'il De Saqueville għaliex chellu f-rasu li dan chien il ħtija ta'n-nichet tagħhom collu minn naħħa l-oħra; chienu tefgħu il kalb ta' Carmena f-baħar ta' imrar li ma bħalu, u chienu kiegħdin jifnu irkiek irkiek daüc il ftit snin ta' xbubitha, snin li bħalom katt ħadd ma' jarġa jsib sa chemm Alla jisilfu għomor.

Riedet chiecu l-imsejcna Carmena tara chif tagħmel biex tcheċċieħ minn ġo kalbha, biex ma tüeġġax kalb missierha li chien igħożża daks il mimmi ta' għajnejħ; iżda De Saqueville chien ġuvni franciż donnu berka, li chien isaħħrec bi cliemu u meta tħares lejħ, u Carmena chien għada chemm chemm chisret il għoxrin sena, u għalecc ma chelliex deħen u ħila biżżejjed biex tista tliggem kalbha għa'r-rieda tagħha; m'hux ta' dan, iżda actar ma chienet titħabat magħha 'nfisha biex tgħakkes dic l-imħabba, actar chienet tħossha dieħla 'l geüüa, actar chienet tiħrax u tigbida lejħ.

Meta chienu jiltakgħu, b'il moħbi, u igħidu l'ill xulxin b'is-serka, chelmtejn ta' imħabba u ta' tama, De Saqueville

# FLOC IL POSTA.

LIL P.G. TA'N-NAXXAR:—Ix-xeuka tiegħec li f'in-«Naħla»'ngħid xi ħaġa fuk il biedja (agricoltura) tcun mismuħa. L-istess ħaġa chien tarrafieli il Canoncu Vella, il għaref chittieb ta' Għaudex, u jiena fuk cliemu, billi naf bħalu li il bdieua tagħna għandhom bżonn jitgħallmu aħjar jaħdmu l-art, tlabt l'it-tabib Ġanni Borg, id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici, uieħed mil l-aħjar naturalisti li għandna, u dana ueghidni li dina 'l biċċa għandu jidħol għaliha hu. Nitma 'mela li ma 'ddumx ma takra l-euuel articolu tiegħu fuk d'il ħaġa.

★

L'IL G. M. B. TAŻ-ŻEJTUN.— Iva, jecc tibgħatli xi ħaġa fuk xi festa li 'ssir f'ir-raħal, ingibielec f'in-«Naħla,» bħala aħbar ta' Malta; biss keis li ma teħodlix actar minn għaxar versi ta'l ġurnal. L-istess ingħidlec jecc tcun trid iġġib xi chelmtejn fuk xi banda.

★

L'IS-SUR ĠUSE' BOSCO TA' COSTANTINA:— Ircevejt, u ħadt pjacir uisk, l-articolu li għoġboc tibgħatli għa'n-«Naħla,» u jiddispjacini li jcolli 'nħallieħ għal numru jeħor, għaliex dan chien diġà mimli. Biss jidhirli li dac li tixtiek, u li jena nixtiek bħalec, igifieri li 'ssir f-Malta Xirca ta' Ġurnalisti u ta' Auturi, hi ħaġa diffiċli uisk, għaliex ma haunx numru biż-żejjed u għaliex f-da'l pajjis issocietajjiet ma tantx iseħħu. Nixtieklec risk, u nirringrazzjac.

★

L'IL C. P. (LIXANDRA):—Is-Sur George J. Vella ta'l Cajr sejjer icun il Corrispondent ta'n-«Naħla» għal l-Egittu, u għalec nirringrazzjac; biss jecc tcun trid tibgħatli xi aħbar interessanti, 'ngibielec b'il kalb collha, ucoll.

★

L'IL «FABJU» (ĦAMRUN):— Jiddispjacini li ma nistax ingiblec l-articolu li bgħattli: (a) għaliex m'hux iffirmat b-ismec, u articoli m'hux iffirmati ma' ngibhomx f'in-Naħla;» (b) għaliex il cliem tiegħu juaġġa uisk, u f'id-dinja tista tgħid ħafna ħuejjeġ mingħajr ma toffendi, u il ġurnal tiegħi ma bi ħsiebnix inżommu ta' sputatur; (c) għaliex tual uisk, u jena 'rrid niccuntenta l'il cullħadd. Darb'oħra dac li għandec tgħid f-colonna għidu f-nofs: ftit u tajjeb.

★

L'IL G. M. T. (ŻEBBUĠ):— Icteb b'il malti mil l-aħjar li taf; jiena ma għandi l-ebda dritt biex ingegħlec ticteb u tispelli 'l malti bħali; biss nixtiek li chiecu il collaboraturi collha ta'n-«Naħla» jictbu chemm jistgħu bħal xulxin biex ma jfixclux l'il karrejja u biex xi darba naslu li 'collna chitba uaħda ta'l malti. Studja tajjeb il ctieb sabieħ ta' G. Vassallo «IL MUFTIEĦ TA'L CHITBA MALTIJA,» u tara chif issir ticteb b'il malti tajjeb f-kasir żmien. Jecc tcun trid xi għajnuna, ictibli.

★

LIL G. E. (L-ISLA):— Jecc taf takra b'it-taljan ixtri il Manuali sbieħ ta' Hoepli: BELFIORE: IPNOTISMO E MAGNETISMO; PAPPALARDO: SPIRITISMO; PAPPALARDO: TELEPATIA. Jecc taf bl-ingliż nirraccomandalec il ctieb famus ta'l MOLL: HYPNOTISM. Jecc ma tafx b-dauna il-lingui hu ftit pacenzja, u f'in-«Naħla» icolloc dac it-tagħlim u tifsir li tixtiek. Jecc tchellimni nista 'nfehmec aħjar. Biex issibni fittixni; sa 't-tmienja ta' filgħodu, 'd-dar, 12, Str. S. Vincenzo Sliema; m'it-tmienja sa'd-disgħa, l-officċju, 37, Strada San Giovanni, Il-Belt; mi'd-disgħa sa nofs-inhar, f'il Korti t-Isfel ta'l Belt; uara nofs inhar, m'is-sagħtejn sa 'ssitta u nofs, fl-officċju bisuit San Ġuann seuua. Barra minn dauna il ħinijiet u f'il festi cmandati u il Ħdud, imchien; għaliex hu il ħin ta'l mistrieħ tagħna.

DANA IN-NUMRU ĦRIĠTU DOPPJU BIEX INCUN NISTA NURICOM AĦJAR X-BI ĦSIEBI NGIB, BEJN ŬIEĦED U IEĦOR, F-DINA IL GAZZETTA; U, F'IRRAS DAĦĦALT ISMI M'HUX GĦAL FRUĦA IŻDA GĦALIEX NIXTIEK ĦAFNA LI «IN-NAĦLA» TIEGĦI MA TIMBIDILX MA DIC TA' XI ĦADD IEĦOR.

A. LEVANZIN,

# LOGĦOB.

—o—

## XARADA.

L'*eŭŭel* issibu,— Jsaffar f'xi ġnien;
It-*tieni* isem. Ej titlifx żmien,
Jecc tħassoc shajjen— Għal l-*intier* dur,
Cun af tiffrisca— Inti biħ sgur.

LEV.

## MISTOKSIJA.

—o—

Is-sur Tumas ilu tletin sena busnannu u għalak 97 sena. Darba kalli li 'l familja tiegħu tagħmillu pranzu cull meta jagħlak sninu. Biss kalli li dana 'l pranzu ma sarx ħlief 24 darba, u sgurani li cull meta għalak sninu dana 'l pranzu ma naksu' katt. Tefuħ li ħaŭŭadni!... Jista xi ħadd minncom ifehimni chif jista jcun li f-97 sena għamlulu erbgħa u għoxrin pranzu biss u l-istess ħin ma naksuħ katt f'il festa ta't-tŭelid tiegħu?

## REBUS.

—o—



## Indovinalja.

—o—

X-differenza tgħaddi bejn l-ilsien ta'l ħalk ul-ilsien ta'l kampiena?

J. R.

## Taħbil in-ras.

—o—

Għandi daŭn il ħżuż 111111111, disgħa b-collox, nixtiek naf haŭnx xi ħadd li għandu il ħila jagħmilhom elf?

E. C,

## X-inhi?

—o—

Haŭn ħaġa
Naraŭha f'il banda
Ma katt sgur f-orchestra;
U lankas f'il brodu
Għad l-hi f'il minestra;
Iż-Żŭieten iġġibha;
Tinsab f-Ħal Tarxien;
Daks chemm għandcom intcom
Minn cin għandi jen.

E. C.

**Għal cull risposta tajba, ctieb sabieħ rigal; basta li cull risposta tigi mibgħuta m'hux tard iżjed minn nhar ta' ħamis f'il għaxija. Daŭna ir-risposti jiġu stampati f'il ġurnal u ingibu ucoll l-ismijiet ta' min fcun ħa il premji.**

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.